MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1336/2007

**Av. Henri Mizzi bħala mandatarju speċjali f'isem is-soċjetajiet esteri *Robert Damkjaer Limited* u *Damkjaer International A/S***

***versus***

***Robert Damkjaer (Malta) Limited* u *CSMR Limited***

Din hija kawża dwar proprjetà industrijali: l-atturi qegħdin igħidu illi l-konvenuti qegħdin jiksru drittijiet ta' *trademark* li jmissu lil waħda mill-istess atturi, u għalhekk l-atturi qegħdin jitolbu rimedji taħt l-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali [Kap. 488]. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni minħabba klawsola arbitrali. Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni.
Il-fatti relevanti huma dawn:
Is-soċjetà attriċi *Robert Damkjaer Limited* hija sidt il-markju *Dany*. Is-soċjetà attriċi l-oħra, *Damkjaer International A/S* għandha ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma

fis-soċjetà konvenuta *Robert Damkjaer (Malta) Limited*. Din is-soċjetà konvenuta kienet ifformata fis-27 ta' Lulju 2007 wara li *Damkjaer International A/S* daħlet fi ftehim, imsejjaħ *shareholders' agreement*[1], mas-sħab maltin li kellhom jiksbu l-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra tal-ishma[2]. L-art. 20 ta' dan il-ftehim, li sar fis-26 ta' Marzu 2002, igħid illi "*All disputes arising from or in connection with this Agreement … … … shall be finally settled by arbitration … … …*". Ukoll fis-26 ta' Marzu 2002 sar ftehim ieħor – *partnership agreement*[3] – bejn *Damkjaer International A/S* u *Robert Damkjaer (Malta) Limited* – li, billi meta sar il-ftehim kienet għadha ma ġietx ifformata, fil-ftehim tissejjaħ *The Joint Venture Company* – li wkoll fih l-istess klawsola arbitrali.

Bis-saħħa ta' dawn il-ftehimiet, *Damkjaer International A/S* kienet tforni l-laħam bħala *materia prima* lil *Robert Damkjaer (Malta) Limited* biex din tipproċessah. *Robert Damkjaer (Malta) Limited* kienet imbagħad tbigħ il-prodott lill-konvenuta l-oħra, *CSMR Ltd*, biex din tbigħu fis-suq malti. Bis-saħħa ta' arranġament li *Damkjaer International A/S* kellha ma' *Robert Damkjaer Limited*, sidt it-*trade mark*, dan il-marklu *Dany* seta' jintuża fuq il-prodott li *Robert Damkjaer (Malta) Limited* kienet tbigħ lil *CSMR Ltd* u li din imbagħad kienet tbigħ lill-konsumatur.

Minħabba differenzi li nqalgħu bejn il-partijiet, *Damkjaer International A/S* ippretendiet li tħassar il-*partnership agreement* u ma baqgħetx tforni l-*materia prima* lil *Robert Damkjaer (Malta) Limited*; qiegħda tgħid, iżda, li *Robert Damkjaer (Malta) Limited* xorta baqgħet tipproduċi l-prodott b'*materia prima* miksuba mingħand terzi u l-prodott baqa' jinbigħ taħt il-markju *Dany*. Dan, igħidu l-atturi, jikser id-dritt ta' proprjetà industrijali li *Robert Damkjaer Limited* għandha fil-markju, u għalhekk fetħu din il-kawża.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-qorti minħabba fil-pattijiet arbitrali imsemmija fuq.

---

[1] Dok. M, *foll*. 88 *et seq*.

[2] Fil-fatt, għalkemm is-sħab maltin li dehru fuq ix-*shareholders' agreement* kienu Charles Ellul Sullivan u Mark Ellul Sullivan, l-ishma nkisbu minn Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u s-soċjetà *Ikebana (Holdings) Limited* – ara *fol.* 189.

[3] Dok. E, *foll.* 25 *et seqq*.

Din l-eċċezzjoni, fil-fehma tal-qorti, ma hijiex tajba.

*Robert Damkjaer Limited* – li, bħala sidt it-*trade mark*, għandha l-interess ewlieni f'dawk il-proċeduri – ma hijiex parti fil-ftehimiet li fihom huma inkorporati l-pattijiet arbitrali u għalhekk ma hijiex marbuta bihom. Il-ftehim jorbot biss lil *Damkjaer International A/S* li, ladarba ma hijiex sidt il-markju, għandha biss interess sekondarju jew marġinali, tant li l-konvenuti stess ressqu wkoll l-eċċezzjoni li ma għandhiex *locus standi* f'dawn il-proċeduri.

Billi għalhekk il-patt arbitrali ma jorbotx lil sidt it-*trade mark*, dan ma tistax tiġi miżmuma mill-tfittex rimedju skond il-liġi bil-proċeduri tallum.

Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tordna li jitkompla s-smigħ tal-kawża; tikkundanna lill-konvenuti flimkien iħallsu l-ispejjeż ta' dan l-episodju tallum.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------